MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1947/2002

**Deloitte & Touche**

**vs**

**Davison Co. Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Awissu, 2002, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lid-ditta attrici s-somma ta' elf tlett mija u hmistax-il lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm1315.75) rappresentanti (a) kwantu ghal Lm390, skond fattura datata 4 ta' Dicembru 1998, (b) kwantu ghal Lm57.50 skond fattura datata 1 ta' Lulju 1999, (c) kwantu ghal Lm667, skond fattura datata 19 ta' Lulju 1999 (d) kwantu ghal Lm143.75 skond fattura datata 30 ta' Ottubru 1999 u (e) kwantu ghal Lm57.50 skond fattura datata 1 ta' Jannar 2000 (kopji annessi ma'l-avviz u immarkati bhala Dokumenti A sa E), u dana in konnessjoni ma' servizzi ta'

kontabbilita’, revizjoni ta’ kontabbilita’, servizzi fiskali, preparazzjoni ta’ “annual returns” u servizzi u spejjez relatati, ghal liema servizzi u spejjez d-ditta attrici ghad ma thallsitx u dana minkejja li gie rikonoxxut id-debitu da parti tas-socjeta konvenuta (Dokument F).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra interpellatorja tad-29 ta’ Jannar 2002 (Dokument G) u ta’l-ittra ufficjali tas-27 ta’ Frar 2002 (Dokument H) u bl-imghax legali mid-dati ta’ hrug tal-fatturi sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta, ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta pprezentata fl-14 ta’ Ottubru 2002, fejn gie ecceppiet:
1. Illi s-somma reklamata mid-ditta attrici ma hijiex dovuta.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz fi kwalunkwe kaz huwa esagerat.
3. Illi s-servizzi professjonali resi mid-ditta attrici ma gewx ikkompletati u dana b’dannu ghas-socjeta konvenuta liema servizzi ma sarux hekk kif tirrikjedi is-sengha u l-arti.

Sema' x-xhieda ta’ Paul Darmanin in rappresentanza tad-ditta attrici u ta’ David Mifsud in rappresentanza tas-socjeta konvenuta .

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ra l-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Frar 2004, fejn id-ditta attrici irriduciet it-talba taghha ghas-somma ta’ Lm1172 u b’hekk irrinunzjat ghas-somma ta’ Lm143.75, li hija l-fattura immarkata bhala Dokument D a fol.5 tal-process.

Ikkunsidra,

Illi ghandu jinghad qabel xejn illi l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta konvenuta huma kemmxejn kontradittorji u dana peress illi ghalkemm fl-ewwel eccezzjoni is-socjeta konvenuta tallega illi l-ebda ammont ma huwa dovut lid-ditta attrici tghaddi sabiex imbaghad tallega illi l-ammont huwa esagerat b’implikazzjoni ghalhekk illi hemm xi

ammonti li huma dovuti u ohrajn li ma humiex. Anke it-tielet eccezzjoni hija kontradittorji u dana peress illi ghalkemm is-socjeta konvenuta tikkontendi illi id-ditta attrici ma ghamlitx xogholha skond is-sengha u l-arti, izda imbaghad issostni fl-istess eccezzjoni illi hija ma lestietx ix-xoghol kollu li kellha taghmel.

Illi kif gie ritenut f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell fis-16 ta' April 2004 fl-ismijiet Gabriel Parnis et vs Joseph Cucciardi et.:
"Ghalkemm huwa minnu li fi proceduri bil-miktub f'materja ta' eccezzjonijiet, tezisti l-possibilita' li l-eccipjenti jissolleva eccezzjonijiet alternattivi, kif ukoll li jaghmel dan "bla pregudizzju", b'danakollu xortwahda jibqa' d-dmir tal-parti eccipjenti li tara li f'dak li hija tkun qieghda tasserixxi bil-gurmament per via ta' eccezzjoni ma jkunx hemm hwejjeg li huma manifestament konfliggenti."

Illi fi kwalunkwe kaz kien jispetta lis-socjeta konvenuta illi tipprova l-allegazzjonijiet minnha imressqa 'il quddiem u mhux lid-ditta attrici li tirribatti u tressaq provi in konnessjoni ma' dak allegat mis-socjeta konvenuta. Dana qed jinghad peress illi fit-trattazzjoni orali taghha tal-kawza u mill-provi migjuba minnha, is-socjeta konvenuta donnha qieghda titfa' l-oneru tal-prova fuq id-ditta attrici, haga li hija legalment insostenibbli.

Illi mix-xhieda ta' Paul Darmanin u mid-dokumenti esebiti minnu, jirrizulta illi d-ditta attrici kienet taghmel xoghol ta' *audits* u servizzi konnessi ma'l-istess favur is-socjeta konvenuta. Illi dawn is-servizzi ma baqghux jigu rezi mill-istess ditta attrici peress illi is-socjeta konvenuta ma kenitx qed taffetwa l-pagamenti dovuti. Qatt ma tressaq l-ebda ilment min-naha tas-socjeta konvenuta u dana kif del resto ikkonfermat ukoll mix-xhieda ta' David Mifsud in rappresentanza tas-socjeta konvenuta li ikkonferma illi l-istess socjeta konvenuta qatt ma ressqet l-ebda ilment bil-miktub lid-ditta attrici jew li ipprezentat xi atti gudizzjarji kontra taghha f'dan is-sens.

Illi David Mifsud in rappresentanza tas-socjeta konvenuta qieghed jilmenta s-segwenti ghar-rigward tas-servizz resi mid-ditta attrici:

1. Illi huwa kien hallas l-ammont ta’ Lm800 sabiex id-ditta attrici tirrangalu l-kompjuter li kien bil-hsara, izda dana baqa’ ma issewwiex. Prova f’dan ir-rigward ix-xhud ma ressaqx. Lanqas ricevuta illi huwa kien effettwa dan il-pagament ma ingiebet.
2. Illi ghalkemm id-ditta attrici kellha tiehu hsieb tipprepara ir-*returns* tal-VAT, dana baqghet ma ghamlitux bil-konsegwenza illi dawn dahhlu tard u s-socjeta konvenuta kellha thallas hafna multi minhabba dana in-nuqqas. Sahansitra ighid li ghad hemm proceduri pendenti kontra tieghu quddiem il-Magistrat Saviour Demicoli. F’dan ir-rigward ukoll is-socjeta konvenuta naqqset li tissostanzja din l-allegazzjoni. Ma gie prodott l-ebda dokument min-naha tal-VAT Department li jindika dak kollu li kien qed jigi allegat. Lanqas ma ingiebet prova illi hemm proceduri kriminali pendenti kontra s-socjeta konvenuta f’dana ir-rigward. Ricevuta tal-hlas tal-multi lanqas ma giet esebita. Fuq kollox ghandu jinghad illi d-ditta attrici ma hijiex qed titlob hlas ghal preparazzjoni ta’ dawn il-Vat *returns* u kwindi dana l-ilment ma ghandux jirrifletti fuq l-ammont dovut.
3. Illi meta is-socjeta konvenuta kellha bzonn tiehu self minn ghand l-bank, ma irceviet l-ebda assistenza min-naha tad-ditta attrici u inoltre l-bank ma riedx ighaddi dan is-self peress illi mill-kotba tal-kumpanija, is-socjeta konvenuta kienet qed tidher bhala falluta. Ghalhekk is-socjeta konvenuta kellha tinkariga nies ohra sabiex jaghmlu dan ix-xoghol. Ukoll f’dan ir-rigward ma jidhirx illi id-ditta attrici qed titlob hlas ghal dana it-tip ta’ servizz u ghalhekk hawnhekk ukoll dana l-ilment ma ghandux jirrifletti fuq l-ammont dovut.
4. L-istess jista’ jinghad ghal Lm400 *audit fees* li s-socjeta konvenuta tallega illi kienet thallas lid-ditta attrici. Dana ukoll ma jirrizultax mill-invoices esebiti Dokumenti A sa C u Dokument E a fol 2 sa 4 u 6 tal-process.

Illi ghalhekk ghalkemm is-socjeta konvenuta tallega illi x-xoghol ma sarx sew u ghalkemm tallega illi b’konsegwenza ta’ dan il-fatt hija sofriet id-danni,

madanakollu l-ebda passi ma ittiehdu minnha in konnessjoni ma'l-istess. Lanqas saret kontro-talba f'din il-kawza f'dan is-sens!

Illi ghalhekk mill-atti processwali jirrizulta illi s-socjeta konvenuta ma irnexxielex tirribatti l-provi imressqa mid-ditta attrici, inkluzi il-provi dokumentali sabiex tissostanzja l-ececzzjonijiet taghha.

Illi ghar-rigward ta'l-eccezzjonijiet in konnessjoni ma'l-ammont dovut,( u cioe' l-ewwel u it-tieni eccezzjonijiet) ghandu jinghad illi fl-ewwel lok minn imkien ma jirrizulta mill-provi illi s-socjeta konvenuta ma ghandha thallas xejn lid-ditta attrici, hlief ghall-allegazzjoni imressqa minn David Mifsud illi meta huwa hallas l-ammont ta' Lm200 f' Settembru 2000 u dana kif jirrizulta mid-Dokument F, dana ghamlu ghas-saldu peress illi kien qieghed jikkontesta l-kumplament tal-bilanc dovut minhabba x-xoghol hazin. Tant hu hekk illi huwa iffirma vicin il-kliem "received on account Lm200". Kieku stess kien qed jikkontesta dan il-fatt, certament kien jirrimarka dana *a tempo vergine* u mhux jiffirma fuq dana id-dokument!

Illi finalment rigward ir-ricevuti Dokumenti EZL1 u EZL2, dawn jidhru illi harrgu in konnessjoni ma'l-istess *invoice* u cioe' dik li iggib in-numru 97/1073, ghalkemm l-ammonti indikati fuq dawn iz-zewg ricevuti jidhru li huma xi ftit differenti minn xulxin. Inoltre dana il-pagament gie effetwat f'Ottubru 1998, mentri l-*invoices* li dwarhom qed jintalab il-hlas permezz tal-presenti istanza jirreferu ghaz-zmien ta' wara u cioe' ikopru l-perijodu minn Dicembru 1998 sal-1 ta' Jannar 2000. Illi l-uniku ammont li gie ridott mid-ditta attrici u cioe' l-ammont ta' Lm143.75, indikat fid-Dokument D a fol.5 tal-process, sar minhabba il-fatt illi dana huwa dovut mis-socjeta Davison Properties Limited u mhux mis-socjeta konvenuta kif citata.

Illi ghaldaqstant, is-socjeta konvenuta ma irnexxiliex tipprova l-eccezzjonijiet sollevati minnha u kwindi l-istess qed jigu michuda.
Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta konvenuta,

jilqa’ it-talba attrici kif ridotta u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lid-ditta attrici s-somma ta’ elf mija u tnejn u sebghin lira Maltin (Lm1172), bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ kull fattura u cioe’ mid-dati indikati fid-Dokumenti A, B, C u E.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali tas-27 ta’ Frar 2002 ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------